# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 23/20/1 JZM**

**Michele Peresso Limited (C6469)**

**v.**

**John Sammut u Mark Sammut**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza preliminari tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ tal-25 ta' Frar 2021 li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li l-kawża saret ai termini tal-Art. 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Isostnu li kawża dwar responsabbilta` għal kummerċ bi frodi tista' ssir biss *"waqt l-istralċ ta' kumpannija"*. Isostnu li l-azzjoni hi rritwali għaliex il-kumpanija De Tigne Limited m'hijiex fi stat ta' stralċ.

2. Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: L-attriċi għandha titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija De Tigne Limited għas-somma ta' €211,978.80 u dan wara arbitraġġ deċiż fit-22 ta' Jannar 2014. Għalkemm dik il-kumpanija appellat mid-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ċaħdet l-appell b'sentenza tat-18 ta' Novembru 2019. L-attriċi ppreżentat il-kawża minħabba li qiegħda ssostni li l-konvenuti, diretturi tal-kumpanija De Tigne Limited, m'għamlu l-ebda riżervi ta' flus kontanti sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni li sofriet l-attriċi. Dan minkejja li kienu jafu bil-pretensjoni tagħha kontra De Tigne Limited u minkejja li diġa` kien hemm id-deċiżjoni tal-arbitraġġ. Inoltre, issostni li l-istess diretturi kienu ħarġu mill-kumpanija s-somma ta' €1,000,000 allegatament għal rimbors ta' self lill-azzjonisti (skont ma jirriżulta fl-Annual Report and Accounts tal-kumpanija ghas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014). Żiedet li De Tigne Limited kompliet topera mingħajr ma kien hemm prospett li xi darba ser topera bi qligħ. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2021 li saret quddiem l-ewwel Qorti, l-attriċi ddikjarat li l-kawża saret *ai termini* tal-Art. 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Bħalissa hemm pendenti wkoll rikors li ppreżentat l-attriċi għax-xoljiment u stralċ tal-kumpanija De Tigne Limited (rikors numru: 2/2020 fl-ismijiet **Michele Peresso Limited v. De Tigne Limited**. F'dawk il-proċeduri hemm inkluż talbiet sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kumpanija De Tigne Limited m'hijiex kapaċi tħallas id-djun tagħha u sabiex tiddikjara li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż għal 24 xahar. Sallum għad m'hemmx deċiżjoni ta' xoljiment.

3. Fl-20 ta’ Lulju 2020 il-kumpanija attriċi ppreżentat il-kawża kontra l-konvenuti għar-responsabbilta` għal kummerċ bi frodi u talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> *“1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom mexxew in-negozju tal-kumpannija De Tigne Limited bil-ħsieb ta’ fordi tal-kredituri tal-kumpannija u bil-għan ta’ frodi;*
>
> *2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati solidalment bejniethom, jew min minnhom, ikunu responsabbli personalment u solidalment għad-dejn dovut mill-kumpannija De Tigne Limited lill-atturi kif hawn fuq premess u occorrendo billi tillikwida l-ammonti hekk dovuti lir-rikorrenti;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex solidalment iħallsu d-dejn dovut mill-kumpannija De Tigne Limited lir-rikorrenti”*.

4. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti li wassal biex tilqa’ l-eċċezzjoni tal-irritwalita` tal-kawża, kien dan:

> *“**<u>Apparti</u>** kwistjonijiet ta` mertu, il-konvenuti, bl-ewwel eccezzjoni, qeghdin ighidu **<u>fis-sostanza</u>** li l-attrici hija prekluza milli tressaq l-azzjoni odjerna kif promossa, ladarba il-kumpannija in kwistjoni mhijiex xjolta u lanqas fi stat ta` stralc.*
>
> *Il-konvenuti telqu mill-premessa li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Art 315 tal-Kap 386.*
>
> *Fl-udjenza tasl-11 ta` Frar 2021 kien dikjarat min-naha tal-attrici li l-azzjoni fil-fatt kienet intavolata abbazi tal-Art 315 tal-Kap 386.*
>
> ***Il-qorti sejra tirreferi ghall-<u>Art 315(1) tal-Kap 386</u> ghaliex dan tal-lum huwa procediment civili, u hija d-disposizzjoni rilevanti ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.***
>
> *Kummerc bi frodi jista` jwassal **<u>ukoll</u>** ghal azzjoni kriminali u d-disposizzjoni rilevanti hija l-Art 315(2). Ghall-fini tal-provvediment odjern, din l-ahhar disposizzjoni m`ghandhiex rilevanza.*
>
> ***<u>L-Art 315(1</u>**) ighid hekk :-*

> *"**Jekk waqt l-istralc ta` kumpannija** sew jekk b`ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpannija jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi, il-qorti tista` fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal-istralcjarju jew ta` xi kreditur jew ta` xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabbiltà ghal kull jew ghal xi dejn jew responsabbiltajiet ohra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna. (enfasi u sottolinear tal-qorti)"*

*Dwar id-disposizzjoni, **Andrew Muscat** jikteb hekk fil-Pag. 363 ta` **Principles of Maltese Company Law** (Second Edition – Volume 1 – 2019 – MUP) :-*

> *"Although … the fraudulent trading provision appears to be rather wide in its scope, the effectiveness of the provision is unfortunately considerably weakened by the conditions that have to be satisfied for its application. One such condition is that it can **only** be invoked when the company is in the course of winding up. This is not in itself a very serious **impediment**, but it does mean that a creditor or contributory of the company who seeks to utilize the remedy may **first** have to institute proceedings to have the company dissolved with the delay, expense and inconvenience that such proceedings usually involve. (enfasi u sottolinear tal-qorti)."*

*L-Art 315(1) tal-Kap 386 huwa mfassal fuq l-**Art 213 tal-Insolvency Act 1986** tal-Ingilterra. Id-dottrina Ingliza hija utli ferm ghall-konsiderazzjoni tal-elementi li jsawwru d-disposizzjoni u sabiex issir analizi tal-gurisprudenza. Fl-istess waqt, ghall-**ispecifiku tal-kwistjoni** li qeghda tigi trattata llum, l-esperjenza Ingliza ghandha applikazzjoni limitata, ghaliex filwaqt li fil-ligi taghna, il-jedd li jistitwixxi l-azzjoni jispetta : a) lir-ricevitur ufficjali ; **jew** b) lill-istralcjarju ; **jew** c) lill-kreditur ; **jew** d) lill-kontributorju tal-kumpannija, fil-kaz tal-Insolvency Act 1986, l-azzjoni tispetta **biss** lill-istralcjarju. Dan ifisser illi fil-ligi Ingliza, l-azzjoni ghal kummerc bi frodi tista` tigi promossa **biss** wara li kumpannija tkun xjolta, u l-fatti li jaghtu lok ghall-istanza jirrizultaw fil-kors tal-istralc. Il-fatt li l-mudell tal-ligi taghna kienet l-Insolvency Act 1986, u l-fatt illi z-zewg disposizzjonijiet jirreferu t-tnejn ghal in the course of winding up of a company, ghal din il-qorti, dan huwa bil-wisq indikattiv illi **anke** fil-hsieb tieghu l-legislatur Malti kien illi l-procediment ikun jista` jigi ntavolat **biss** wara li l-kumpannija tkun giet xjolta u l-fatt tat-tmexxija bil-hsieb ta` frodi jkun riskontrat fil-kors tal-istralc. L-uniku differenza mal-ligi Ingliza kienet illi fil-kaz taghna, il-legislatur ghazel li jaghti d-dritt tal-azzjoni mhux biss lill-istralcjarju izda lil persuni ohra wkoll.*

***L-ewwel eccezzjoni hija fondata fid-dritt u ghalhekk ghandha tkun milqugha"**.*

5. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta taqra:

> *"1. Preliminarjament tiġi eċċepita l-improponibilita' u l-irritwalita' tal-azzjoni promossa permezz tar-rikors ġuramentat tas-soċjeta rikorrenti attriċi tenut kont dak dispost u stipulat fl-artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpanniji – Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament li azzjoni sabiex tiġi dikjarata u deċiża responsabbilta' ta' partijiet fit-tmexxija tan-negozju għal kummerċ bi frodi, tista' tiġi promossa 'waqt l-istralċ ta' kumpannija'. Il-kumpannija oġġett u mertu tal-kawża odjerna De Tigne Limited ma tinsabx fi stat jew f'fazi ta' stralċ".*

6. B'rikors preżentat fis-16 ta' Marzu 2021 l-attriċi appellat mis-sentenza filwaqt li l-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

7. L-attriċi ssostni li l-azzjoni skont Art. 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji tista' ssir ukoll qabel ordni ta' xoljiment ta' kumpanija. Issostni li l-verżjoni bl-Ingliż tal-Art. 315 hi dik korretta (skont Art. 2(7) tal-Kap. 386). Spjegat li hemm distinzjoni fil-liġi bejn meta tista' ssir kawża ta' *wrongful* u *fraudulent trading*. F'dan ir-rigward għamlet referenza għall-Arts. 314 u 315 li jipprovdu:

> *"314. If, <u>where a company is dissolved</u>, it is shown that proper accounting records were not kept by the company throughout the period of two years immediately preceding the dissolution.......*
>
> *315(1) If <u>in the course of the winding up of a company</u>, whether by the court or voluntarily, it appears that any business of the company has been carried on with intent to defraud creditors of the company or creditors of any other person or for any fraudulent purpose, the court on the application of the official receiver, or the liquidator or any creditor or contributory of the company, may, if it thinks proper so to do, declare that any persons who wereknowingly parties to the carrying on of the business in the manneraforesaid be personally responsible, without any limitation ofliability for all or any of the debts or other liabilities of thecompany as the court may direct".*

8. L-attriċi ssostni li minħabba d-distinzjoni li hemm bejn l-imsemmija dispożizzjonijiet, il-kliem *"in the course of the winding up of a company"* jista' jfisser biss li hu stadju qabel ix-xoljiment tal-kumpanija. Inoltre, ġialadarba l-azzjoni tista' ssir ukoll minn kull kreditur u mhux biss mill-istralċarju, hu evidenti li l-kawża ma teħtieġx li jkun ġie appuntat stralċarju. Għaldaqstant, dak li trid il-liġi hu li jkun inbeda l-proċess għax-xoljiment tal-kumpanija. Proċess li jibda bil-preżentata tar-rikors għal stralċ skont l-Art. 214 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

9. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2021 l-attriċi ddikjarat li l-kawża saret *ai termini* tal-Art. 315 tal-Kap. 386.

10. L-attriċi qalet sew li skont l-Art. 2(7) tal-Kap. 386 f'każ ta' kunflitt bejn il-verżjoni tal-liġi bl-Ingliż u bil-Malti, tgħodd il-verżjoni bl-Ingliż.

11. Hu minnu li l-kliem użat fl-Art. 314 (*wrongful trading*) u 315 (*fraudulent trading*) hu differenti. Il-qorti żżid li ma tara l-ebda kunflitt bejn il-verżjoni bl-Ingliż u dik bil-Malti. L-Art. 314 jirreferi għal *"meta kumpannija tkun xolta"* filwaqt li l-Art. 315 jirreferi għal *"waqt l-istralċ ta' kumpannija"*.

12. Hu veru wkoll li l-azzjoni taħt l-Art. 315 tista' ssir mhux biss mill-istralċarju, kif inhi l-liġi Ingliża, iżda wkoll mill-uffiċjal riċevitur, kreditur u kull kontributur tal-kumpanija.

13. Madankollu rrispettivament mid-differenza fil-kliem użat fiż-żewġ dispożizzjonijiet, il-kliem *"If in the course of the winding up of a company"* u *"waqt l-istralċ ta' kumpannija",* hu ċar u ma jnissel l-ebda dubju li jirreferi għal meta kumpanija tkun ġiet xolta u l-kumpanija qiegħda fi stadju ta' stralċ. Fil-każ in eżami l-attriċi qiegħda tfittex fi proċeduri separati għax-xoljiment tal-kumpanija u ordni ta' stralċ mill-qorti. Hu biss wara li kumpanija tiġi xolta u jkun hemm ordni ta' stralċ, li jsir l-istralċ (*winding up*) tal-kumpanija (Art. 214 tal-Kap. 386). Sallum għadu ma wasalx dak l-istadju fil-proċeduri **Michele Peresso Ltd v. De Tigne Limited** (22/2020) u m'huwiex magħruf jekk il-qorti hijiex ser tilqa' jew tiċħad ir-rikors għal stralċ li ppreżentat l-attriċi.

14. L-istess dispożizzjoni tipprovdi li l-istralċ isir *"whether by the court or voluntarily"*. Kliem li jkompli jsaħħaħ il-fehma tal-qorti li l-kawża għal *fraudulent trading* tista' ssir biss wara li jkun hemm ordni ta' stralċ tal-kumpanija, jew riżoluzzjoni ta' xoljiment u stralċ volontarju. Saħansitra, filwaqt li fl-Art. 315(1) jissemma l-istralċarju u l-uffiċjali riċevitur bħala persuni li jistgħu jipproponu l-azzjoni, l-amministratur proviżorju ma jissemmiex. Skont l-Art. 228(1) tal-Kap. 386 amministratur provviżorju

jista' jinħatar f'kull żmien *".... wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ"*.

15. Ġialadarba s'issa għad m'hemmx ordni ta' stralċ tal-kumpanija De Tigne Limited, l-azzjoni għal *fraudulent trading* hi prematura. Wieħed jista' jargumenta li l-liġi toħloq inkonvenjent għall-kreditur li jrid iressaq kawża taħt l-Art. 315 tal-Kap. 386 peress li jkollu jistenna li jkun hemm ordni ta' xoljiment u stralċ tal-kumpanija qabel jipproponi azzjoni skont l-Art. 315 tal-Kap. 386. M'hemm l-ebda garanzija li l-proċedura għax-xoljiment tal-kumpanija ser issir b'ħeffa, u dan jista' jwassal għas-sitwazzjoni fejn min għamel ħażin ikollu iktar żmien sabiex ikompli jħabbel il-kobba. Madankollu, l-Art. 315 ma jippermettix li jsir xi raġunament differenti minn dak li diġa' sar.

16. L-attriċi argumentat ukoll li diġa' hemm proċedura ta' stralċ pendenti, u skont l-Art. 223(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji:

> *"223(1) Where a winding up order has been made, the company shall be deemed to have been dissolved at the time of the filing of the winding up application:*
>
> *Provided that where a winding up order has been made in terms of article 214(2)(b)(iii), the company shall be deemed to have been dissolved on the date when the winding up order is made":*

17. Fil-proċediment 22/2020 li bih l-attrici qiegħda titlob ix-xoljiment u stralċ tal-kumpanija De Tigne Limited fosthom ghar-raġunijiet li jissemmew fl-Arts. 214(2)(b)(i) u (ii), jekk tintlaqa' t-talba l-ordni ta'

xoljiment ikollha effett b'seħħ mis-26 ta' Lulju 2020 ċioe` d-data tal-preżentata tar-rikors promotur ta' Michele Peresso Limited (*ex tunc*). Madankollu jibqa' l-fatt li sallum ghad m'hemmx deċizjoni ta' xoljiment u stralċ. L-Art. 315 tal-Kap. 386 hu ċar fis-sens li kawża taħt dik id-dispożizzjoni ssir jekk *'waqt l-istralc ta' kumpannija ...... ikun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi'*. L-istralċ hu konsegwenzjali ghall-ordni ta' xoljiment (Art. 214(2) tal-Kap. 386). Ġialadarba sallum għad m'hemmx deċiżjoni ta' xoljiment tal-kumpanija, il-konvenuti għandhom raġun jargumentaw li l-kawza taħt l-Art. 315 tal-Kap. 386 m'hijiex proponibbli f'dan l-istadju.

18. Għaldaqstant, din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti u m'għandhiex x'iżżid.

19. Fit-tieni aggravju l-attriċi lmentat li l-ewwel Qorti ma kellha qatt tiċħad it-talbiet tagħha, ġialadarba kkonkludiet li l-kawża kienet prematura. F'dan ir-rigward l-attriċi għandha raġun. Waqt li l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, kellha tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u mhux tiċħad it-talbiet tal-attriċi. Deċiżjoni li setgħet tittieħed biss kieku l-ewwel Qorti kkonsidrat il-mertu tal-kawża. Ħaġa li ma saritx minħabba li laqgħet l-eċċezzjoni preliminari.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel aggravju u tilqa' t-tieni aggravju u tvarja l-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Frar 2021 billi tħassar il-kliem *"Għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi....."*, u minflok tordna l-ħelsien tal-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-attriċi u kwart (¼) jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet minħabba li t-tieni aggravju hu minħabba svista tal-ewwel Qorti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Governanza kif ukoll lill-Kummissarju tal-Liġijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm